**Kliem, kliem, kliem ...**

Laqgħat, kliem u ħafna retorika
Vojta, xotta kemm tridha w is-sagru,
Nistħajlu bħal xemgħa hemm mikula
Baqa' waħdu, sulu, kandelabru.

Teoriji fiergħa qed jimmuffaw
l-arja nadifa bil-gzuz ta' inċens,
li mhux ħiereġ minn qalb hekk nadifa
Għalhekk, meta jingħadu m'għandhomx sens.

U ħallieh il-qaddis kemm qed jagħti
Fuq wiċċu filgħodu w fil-għaxija,
Uliedu min jgħid ħaġa w min oħra
Tismagħhom jitkellmu geġwiġija.

Imnalla hemm int Ruħ il-Qdusija
Li tħawwad il-borma kif taf u trid,
Forsi toħroġ xi ħaġa ta' sura
Minn qalb dan it-tifrik o kemm taħwid.

Is-sabiħa hi li taħdem fina
Kemm fil-vittma u fil-persekutur,
Għax il-familja tiegħek kotrana
Int biss issalvaha, tagħmlilha unur.

Ħa nissokta mela nisma' tant kliem
Li jnissel kliem ieħor mingħajr ilġiem,
Wara kollox li jgħodd hu l-qalb tajba
Fuqha se jsir ħaqq minna fl-aħħar jiem.

Sejjer Mulej nindaħan u nisma'
Biżibilju sentenzi kullimkien,
Ikunx jien inkella jkunux huma
Hi biss kwistjoni ta' kliem, kliem u kliem...

Patri Mario Attard OFM Cap
15 t'Ottubru 2024

Ibierkek Alla li jista' kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen.